MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-4 ta' April, 2008

Numru. 839/2003

**Il-Pulizija**

**Spettur Nezren Grixti**

**vs**

**Benjamin Spiteri**

Il-Qorti:

Rat l-imputat Benjamin Spiteri iben Romeo u Mary nee` Vella, imwieled il-Pieta` fis-17 ta` Dicembru, 1958 u residenti Flt 2, 105, Triq il-Ferrovija, St. Venera u detentur tal-karta ta` l-identita` numru 6259 (M) li gie imressaq quddiemha akkuzat talli:-

Fl-24 ta` Ottubru, 2000 u fi snin ta` qabel fil-Flt 2, 105 Triq il-Ferrovija, St. Venera, l-imputat bhala detentur tal-imsemmi fond jew bhala persuna li kellu f`idejh l-imsemmi fond, b`diversi atti maghmula fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozzizjoni tal-ligi u li gew maghmula b`rizoluzzjoni wahda illi:-

a) Ikkommetta serq ta` kurrent ta` l-elettriku li jammonta ghal izjed minn Lm 50 u anqas minn Lm 1000 ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, hin u valur.

b) Ghamel hsara jew kisser parti minn meter ta` l-elettriku jew is-sigilli tieghu jew xi parti minn xi apparat jew is-sigilli taghhom jew gumni wzati fil-provista ta` l-elettriku jew is-sigilli taghhom.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti fosthom il-kunsens ta’ l-Avukat Generali datat 13 ta’ Ottubru 2003 sabiex fin-nuqqas ta’ oggezzjoni da parti ta’ l-imputat, din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja u deciza minn din il-Qorti.

Semghat lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta kif jirrizulta mill-ezami li sar nhar is-27 ta’ Novembru, 2003 (a *folio* 7 tal-process) ai termini ta’ l-Artikoli 370 (4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghat il-provi.

Ikkunsidrat:

Illi l-kaz jirrigwarda allegat serq ta’ kurrent elettriku u hsara volontarja fl-arlogg tad-dawl tal-fond Sunshine Flats, 105, Flat 2, Triq il-Ferrovija, Santa Venera li saru fl-24 ta’ Ottubru 2000 u fis-snin ta’ qabel dik id-data. Mill-provi rrizulta li dan l-arlogg tad-dawl jinsab fil-parti komuni ta’ blokk ta’ erba’ appartamenti, f’armadju li ma jissakkarx u li l-appartament numru 2 kien u huwa propjeta’ tal-imputat

Benjamin Spiteri. Irrizulta inoltre li fl-24 ta' Otubru 2001 Joanne Spiteri, mart l-imputat, kienet qed tiknes fil-*common parts* meta rat li n-numru 2 li suppost kien imwahhal mal-hgiega tal-arlogg tad-dawl taghhom kien mal-art. Meta xehdet quddiem Horace d'Anstasi, l-espert nominat mill-Magistrat Inkwirenti fl-atti tal-Inkjesta Magisterjali li saret dwar dan il-kaz, Joanne Spiteri qalet li meta fethet il-bieba tal-arlogg rat ticrita fuq l-ghata tal-arlogg. Hija nfurmat lil zewgha b'dak li sabet meta huwa rritorna lura mix-xoghol u l-ghada cemplet lil Korporazzjoni Enemalta sabiex tirraporta dwar dak li kienet sabet. Hija qalet ukoll li fit-13 ta' Ottubru 2000 kien mar il-*meter reader* sabiex jiehu *r-reading* tad-dawl u  dan ma kien qalilha li sab xejn. Hija qalet ukoll li ma kienitx misset jew geghlet lil xi hadd imiss dan l-arlogg tad-dawl.

Mill-provi rrizulta li meta marru l-haddiema tal-Korporazzjoni Enemalta, (ara xhieda ta' Peter Micallef u Paul Magri a fol. 52 sa 55 tal-process) u dan wara li rcevew ir-rapporti minghand mart l-imputat huma sabu lil mart l-imputat u raw li l-*meter* kellu ticrita mal-faccata, it-*tally* kienet maqlugha minn posta u kien hemm brix maghha. Meta infetah l-arlogg tad-dawl instab ukoll brix mad-diska izda l-*meter* kien qed jirregistra konsum. Dawn il-haddiema ghalhekk infurmaw lil Pulijzija b'dak li sabu, li mbaghad infurmaw lil Magistrat Inkwirenti u saret Inkjesta Magisterjali (Process Verbal relattiv esebit a fol. 14 et sequitur tal-process).

Fl-atti tal-imsemmija Inkjesta Magisterjali gie nominat bhala espert tekniku Horace D'Anstasi u din in-nomina giet konfermata f'dawn il-proceduri permezz ta' digriet tas-27 ta' Novembru 2003. Ir-rapport tal-espert tekniku jinsab esebit a folio 21 sa 41 tal-process u huwa ghamel is-segwenti konstatazzjonijiet:-

*' Illi l-imsemmi Fond jinstab fl-Abitant.*
*Illi dana l-Fond huwa Blokk t' erba' Appartamenti.*
*Illi f' dana l-Fond, hawn l-Bieb ta' Barra u fuq gewwa, hawn Intrata, hawn seba' (7) Targiet, u fuq ix-Xellug hawn Armarju.*

*Illi f' dana l-Armarju hawn l-Arloggi tad-Dawl tar-Residenti li joqghodu f' dawn l-Appartamenti.*
*Illi l-Arlogg indikat huwa l-ewwel wiehed fuq il-Lemin.*
*Illi dana l-Arlogg hu tal-Marka "Mecoindo" ta' l-Indonesja, AC-Single Phase 2 Wire, tat-Tip M2XL4 Class 2, bin-Numru tas-Serje 9013755 u jaqra 36562.*
*Illi hawn xi sinjali ta' xi tmien (8) makkjaturi u ticrita fin-nofs ta' l-Ghata ta' l-Arlogg indikat.*
*Illi t-Tally Plate hi maqlugha u ghandha xi sinjali ta' daqqiet u lievar fuq it-tieqa tad-Diska.*
*Illi l-parti tal-Majka tar-Romblu ta' fejn tehel it-Talaly Plate ---tan-naha tal-Lemin, fejn hawn ir-Registru, hu mkissra.*
*Illi hawn sinjali ta' Brix fuq u taht id-diska.*
*Illi n-Numri taz-zewg Sigilli ta' kulur Celesti huma 160853 u 160830.*
*Illi n-Numri taz-zewg Sigilli ta' kulur Hamrani huma 062069 u 062244'.*

L-espert tekniku abbazi tal-imsemmija konstatazzjonijiet wasal ghas-segwenti konkluzjonijiet:-

*'Illi Benjamin Spiteri huwa responsabbli mill-imsemmi Arlogg tad-Dawl.*
*Illi d-danni tal-hsarat huma minimi.*
*Illi mhux maghruf il-Valur tal-Konsum Elettriku li seghta nsteraq.*
*Illi x' aktarx li wara l-mawra tal-Meter Reader tkissret l-Ghata ta' l-Arlogg indikat sabiex seghta jintmiss ir-Registru u d-Diska biex b'hekk ma jintweriex ezatt, kemm kien qed jintuza Konsum Elettriku.'*

Illi l-imputat kien xehed quddiem l-espert tal-Qorti fl-atti tal-Inkjesta Magisterjali fejn kien qal li l-fond in kwistjoni huwa propjeta' tieghu u ta' martu Joanne Spiteri u kien ilu ghandhom hmistax (15) il-sena u spjega li fit-23 ta' Ottubru 2000 meta mar id-dar il-mara infurmatu li waqt lli kienet qed tnaddaf il-parti komuni fil-blokk appartamenti fejn kienu jghixu rat in-numru tal-arlogg tad-dawl taghhom mal-art u meta fethet il-meter tad-dawl sabiex tara x'gara sabitu miksur. L-imputat xehed li huwa kien qal lil mara tieghu sabiex taghmel rapport lil Korporazzjoni Enemalta u spjega li l-ghada kienet cemplitlu u qaltlu li kienu gew il-

haddiema tal-Enemalta u huwa mar id-dar. Meta infetah l-arlogg huwa seta' jara li l-ghata tal-arlogg kien miksur li t-*tally plate* kienet maqlugha u b'xi daqqiet fuqha u li parti mir-romblu ta' fejn kien hemm in-numri kienu miksurin u li kien hemm xi brix fuq taht tad-diska. L-imputat kien ikkonferma li huwa kien responsabbli ghal dan l-arlogg u li l-mara ma kellha x'taqsam xejn izda qal ukoll li huwa ma kienx mess l-ismemmi arlogg u l-anqas ma kien qabbad lil xi hadd imissu. L-imputat ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri (deposizzjoni relattiva inserita folio 72 u 73 tal-process) fejn huwa rega' ikkonferma dak li kien qal quddiem l-espert tekniku mominat fl-atti tal-Inkjesta Magisterjali, rega' cahad li huwa kien baghbas jew b'xi mod mess il-meter tad-dawl u qal li l-*cupboard* taht it-tarag fejn kienu jinsabu l-*meters* tad-dawl tal-appartamenti kienet tkun miftuha u ma kienitx tissakkar bic-cavetta.

Ikkunsidrat:

Illi l-Artikolu 264 (2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghid is-segwenti:-

*Fil-kaz ta' ksur ta' kanni tas-servizz pubbliku ta' l-ilma jew tas-servizz tal-gass, jew ta' fili jew gumni tas-servizz elettriku, jew tal-meters taghhom, jew ta' xi sigill ta' xi meter, jew fil-kaz ta' l-ezistenza ta' mezzi qarrieqa li bihom wiehed jista' jkollu l-uzu jew il-konsum illegittimu ta' dan l-ilma, gass, jew kurrent elettriku, jew li bihom jista', jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew markar fil-meter tal -kwantità mehuda jew ikkunsmata, jitqies, sakemm ma jigix ippruvat il-kuntrarju, bhala prova illi d-detentur tal-fond jew il-persuna li jkollha f'idejha l-fond fejn ikunu jinsabu dawk il-ksur jew il-mezzi qarrieqa, jaf jew taf b'dan l-uzu jew konsum ta' ilma, gass jew kurrent elettriku, skond ma jkun il-kaz.*

Illi fil-kaz odjern gie pruvat li l-imputat huwa d-detentur tal-fond in kwistjoni u gie pruvat ukoll li kienet saret hsara fuq il-*meter* tad-dawl rigwardanti l-fond propjeta tal-imputat. Mir-rapport tal-espert tekniku Horace D'Anastasi rrizulta wkoll li kienet tkissret l-ghata tal-arlogg sabiex seta' jintmiss ir-registru u d-diska sabiex b'hekk ma jintweriex ezatt kemm kien qed jintuza konsum elettriku. Fil-fehma

tal-Qorti l-imputat ma rnexxilux jipprova li ma kienx jaf dwar dan il-ksur jew mezzi qarrieqa sabiex jittiehed kurrent elettriku. Huwa veru li l-haddiema tal-Enemalta marru jiccekjaw il-meter in kwisjtoni wara li rcevew rapport izda jrid jigi rilevat li r-rapport sar minn mart l-imputat u mhux minnu u huwa enfasizza li kien hu l-persuna responsabbli mill-meter tad-dawl u li martu ma kellha x'taqsam xejn mal-imsemmi meter anki ghaliex kienet tibza' mill-elettriku u ghalhekk ma kienitx tmiss l-imsemmi meter. Inoltre irid jigi rilevat ukoll li mix-xhieda ta' Silvio Decelis (inserita a folio 46 u 47 tal-process) u mid-dokumenti minnu esebiti (a folio 48 u 49) jirrizulta li hemm differenza sostanzjali bejn il-konsum registrat mill-meter tad-dawl qabel l-24 ta' Ottubru 2000 u dak registrat mill-meter tad-dawl li gie nstallat wara l-imsemmija data.

Il-Qorti jidrilha li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova l-kaz taghha sal-grad rikjest mill-ligi.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fedina penali netta tal-imputat kif ukoll il-fatt li l-ammont involut mitejn tnejn u tnejn u ghoxrin lira u erbgha u sebghajn centezmu (Lm 222.74) m'huwiex wiehed sostanzjali u ghalhekk ma jidrilhiex li ghandha tigi mposta piena karcerarja effettiva.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli 261, 263, 264, 267, 270, 278, 325, 28A u 17 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikajra lli qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah ghal tmien (8) xhur prigunerija sopizi ghal tmintax (18) -il xahar millum.

Tordna wkoll li ai termini tal-Artikolu 28H (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-imputat ihallas is-somma ta' hames mija u tmintax il-Ewro u erbgha u tmenin centezmu (€518.84), u cioe' l-ekwivalenti f'Ewro tas-somma ta' mitejn mitejn u tnejn u ghoxrin lira u erbgha u sebghajn centezmu (Lm 222.74), lil Korporazzjoni Enemalta u dan sa zmien sitt (6) xhur millum.

Il-Qorti fissret fi kliem car lill-imputat l-import ta' din is-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li jonqos milli josservaha.

L-imputat minn naha tieghu iddikjara li fehem ben tajjeb l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk jonqos milli josservaha.

B’ applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta” Malta tikkundanna lill-imputat sabiex sa zmien xahar millum ihallas is-somma ta’ mija u wiehed u sittin Ewro u wiehed u hamsin centezmu (€161.51) li huma l-ispejjes konnessi mal-hatra ta’ l-esperti f’din il-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------